05 NOV 2024

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 603**

**It-Tnejn 23 ta' Settembru, 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fil-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Leone Sciberras - Kunsillier
Toshera Schembri - Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 603.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

603.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Aguis li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech ikun skużat.

603.1.2 Fis-6.12 ta' filgħaxija l-Viċi Sindku daħal għal-laqgħa.

## 603.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

603.2.1 Fuq proposta tas-Sur Carlo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 602.3.11 u wara l-kliem 'dovuti għall-inizjattivi tiegħu,' jidħol il-kliem 'tas-Sur Charlie Micallef u bl-approvazzjoni tal-Onorevoli Glenn Beddingfield meta ta l-kunsens sabiex isir dan it-tindif'.

603.2.2 Il-minuti tas-602 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sinjorina Toshera Schembri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

## 603.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

603.3.1 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq dwar it-tismija ta' Triq il-Profs. Anġlu Psaila. Il-Kunsill ġie nfurmat li din it-triq se tkun imtawla biċċa oħra u se tkun tasal sa Triq il-Berebis. Għalhekk il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq irrakkomanda li din l-estenzjoni tiġi rreġistrata uffiċjalment bl-istess isem. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldachino, il-Kunsill qabel unanimament li l-biċċa l-oħra li ser tiġi estiża sa Triq il-Berebies tingħata l-isem Triq il-Profs. Anglu Psaila.

603.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-familjari tal-Profs. Anglu Psaila esprimew ix-xewqa li jsir bust bħala tifkira tiegħu. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikkunsidra li jitqiegħed bust tal-Professur Psaila fid-daħla tal-Berġa. Barra minn hekk, is-Sindku ssuġġerixxa wkoll li jitqiegħed bust tat-Tabib Lawrence Fenech fil-viċinanzi ta' Triq il-Vittorja. Is-Sur Carlo Scicluna ssuġġerixxa li jsir bust għat-Tabib Cassar Delia. Is-Sindku qal li qabel ma jipproċedu, il-Kunsill irid jiddiskuti mal-membri tal-familja tat-Tabib Cassar Delia biex jiksbu l-approvazzjoni tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lis-Sindku kemm kien qed jippjana li jonfoq fuq dawn il-bustijiet u min kien se jħallas għalihom. Is-Sindku qal li l-ewwel għandhom isiru d-disinni sabiex isir bust tal-*fibre*, jinġiebu l-kwotazzjonijiet u wara jgħaddu għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

603.3.3 Is-Sindku ta rendikont dwar laqgħa li attenda 'Vjal Kulħadd', fejn Infrastruttura Malta nediet fond ta' għaxar miljun ewro sabiex isiru proġetti li jagħtu dehra ġdida u aktar vibranti lil-lokalitajiet. Is-Sindku spjega li dan il-fond huwa riżultat ta' diskussjonijiet li enfasizzaw l-importanza li l-ispazji pubbliċi jingħataw lura lir-residenti. F'din il-laqgħa tkellmu wkoll dwar il-proġett ta' *SlowStreets*, li għandu potenzjal li jiġi ffinanzjat b'dawn il-fondi. Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-Kunsill japplika għat-tħawwil ta' siġar fi Triq is-Santwarju. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb x'tip ta' siġar għandhom jitħawwlu fi Triq is-Santwarju, peress li għandu

jittieħed inkonsiderazzjoni l-għeruq u affarijiet oħra. Il-Viċi Sindku qal li dan il-fond huwa immirat l-aktar sabiex isir użu aħjar mit-toroq eżistenti, bħalma sar fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok u fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, apparti li jkun hemm pjazez li jingħalqu għall-pubbliku. Is-Sindku spjega li l-Kunsill jista' jipproponi aktar minn proġett wieħed u ssuġġerixxa li l-Kunsill jipproponi wkoll xogħol ta' tisbiħ fi Triq Alessio Erardi u fi Triq San Ġużepp sabiex fihom jiġu nklużi *bicycle lanes*.

603.3.4 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-fondi allokati mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet u l-ftehim li ġie ffirmat u nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill ingħata fond ta' €250,000. Is-Sindku spjega li permezz ta' dan il-fond jistgħu jsiru diversi proġetti ta' tisbiħ. Peress illi kull talba għandha tkun akkumpanjata minn *BOQ*, is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien talab lill-perit tal-Kunsill sabiex iħejji *BOQ* għal dawn it-toroq: Sqaq Lajri, Sqaq Sidtna tal-Mirakli, Sqaq San Mikiel, Sqaq Nofsinhar u l-isqaqien fi Triq Bajada. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kinitx ser tissolva l-problema tal-għargħar fi Sqaq Sidtna tal-Mirakli. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sur Carlo Scicluna ssuġġerixxa li jsir xogħol ta' tisbiħ tal-isqaqien fiż-żona tal-Biċċieni. Is-Sindku qal li l-baġit allokat ta' €250,000 ma jkunx biżżejjed għal proġett ta' tisbiħ komprensiv, peress li l-ispiża relatata mal-isqaqien tal-Biċċieni kienet ser taqbeż dan l-ammont. Is-Sur Joseph Buttigieg ippropona li jiġi rranġat Sqaq il-Wied. Is-Sindku qal illi kien ser jitlob lill-perit tal-Kunsill biex jipprepara *BOQ* sabiex permezz ta' dawn il-fondi jiġu rranġati dawn l-isqaqien ukoll: Triq il-Kbira Sqaq Nru 1 u 2, Sqaq il-Wied u Misraħ San Ġakbu Sqaq Numru 1. Is-Sindku żied jgħid li dawn il-proġetti jistgħu jaqbżu l-ammont ta' €250,000 u għalhekk il-Kunsill se jipprova japplika għall-fondi tas-sena d-dieħla wkoll.

603.3.5 Il-Viċi Sindku qal illi huwa kien infurmat li ddaħlet applikazzjoni mad-Dipartiment għax-Xogħlijiet sabiex issir bankina quddiem l-każin tal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel. Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-Kunsill kienx issottometta din l-applikazzjoni. Is-Sindku qal illi l-applikazzjoni ma saritx mill-Kunsill u qal li l-Kunsill biħsiebu jiddiskuti t-tisbiħ tal-bankina mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, speċjalment fid-dawl tal-proġett ta' Infrastruttura Malta li ser isir biex tiġi rranġata l-pjazza. Il-Viċi Sindku qal li huwa nfurmat li l-Kunsill biss jista' iressaq dawn l-applikazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li waqt laqgħa li kienet preżenti għaliha flimkien mad-Dipartiment għax-Xogħlijiet, kien intqal li anke NGOs jistgħu jissottomettu applikazzjonijiet. L-applikazzjonijiet tal-NGOs ma jitnaqqsux mill-fondi allokati tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi kien ser jitlob kjarifika dwar dan. Il-Viċi Sindku saħaq illi huwa ma kellu l-ebda problema dwar il-bankina. It-tħassib tiegħu kien li jassigura li jekk il-Kunsill iressaq applikazzjoni, il-membri kollha tal-Kunsill għandhom ikunu infurmati. Is-Sindku qal illi l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel kienu għamlu kuntatt dirett mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u spjega li qabel ma ssir din il-bankina, għandhom isiru kunsiderazzjonijiet dwar il-proġett ta' tisbiħ tal-pjazza. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-proġett ta' tisbiħ ta' Misraħ is-Sliem hux ser jinkludi tisbieħ taż-żona fejn jintrama l-planċier matul il-ġranet tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja. Is-Sindku qal li huwa ma kellux il-pjanti finali ta' kif ser isir il-proġett ta' tisbiħ tal-pjazza. Il-Viċi Sindku talab sabiex jiġi kkonfermat mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet l-ammont li qed jiġi allokat għall-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza bil-miktub li tikkonferma l-allokazzjoni ta' Ħaż-Żabbar kienet tammonta għal €250,000.

603.3.6 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fil-jiem li ġejjin kien ser jingħata t-tarmak fi Triq il-Foss u fi Triq l-Għaxra ta' Settembru. Is-Sur Carlo Scicluna reġa' semma l-problema tat-tnixxija tal-ilma li kien hemm fi Triq il-Foss. Is-Sindku talab lis-Sur Scicluna jibgħatlu *pin location* li jindika minn fejn qed joħroġ l-ilma.

603.3.7 Is-Sindku qal illi x-xogħol ta' tisbiħ tal-latrina pubblika fi Triq iċ-Ċawsli kien miexi ġmielu. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa il-għaliex il-latrina tan-nisa li hemm fi Ġnien il-Kunsill kienet magħluqa. Is-Sindku spjega li l-latrina kienet ġiet ivvandalizzata u xi individwu mhux magħruf kien kisser it-*toilet* tal-persuni b'diżabilità u l-latrina kellha tingħalaq. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien għadu għaddej b'diskussjonijiet mad-Direttorat għat-Tindif sabiex jingaġġa *attendants* mal-latrini pubbliċi.

603.3.8 Dwar il-proġett tal-*mobility week*, is-Sindku qal illi l-Kunsill kien fil-proċess li jixtri l-*electric scooters*. Is-Sindku spjega li kellu laqgħa mal-għalliema tal-iskejjel biex iħeġġiġhom jużaw l-*eletric scooters* minflok il-vetturi tagħhom biex jivvjaġġaw lejn l-iskola, u qal li kellu rispons pożittiv u domanda tajba mill-għalliema. Dwar il-proġett tal-fondi tal-LESA, is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja u l-Istatwa tal-Madonna tal-Kunċizzjoni kif ukoll l-istatwi ta' San Pietru u San Pawl kienu ġew irrestawrati permezz ta' dawn il-fondi. Żied jgħid li biex il-proġett jingħalaq uffiċjalment, kien fadal li jsir il-bini ta' *bicycle lanes*. Barra minn hekk, is-Sindku spjega wkoll li l-proġetti ffinanzjati permezz ta' fondi tal-LESA għar-restawr tal-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju u l-ħajt taċ-ċimiterju għad iridu jibdew.

603.3.9 Dwar il-proġett tal-Miżura 4 – *Development of Green Infrastructure*, is-Sindku spjega li l-Kunsill kien għadu qed jistenna aċċettazzjoni formali. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li Dipartiment tal-Artijiet kien informa lill-Kunsill li wieħed mis-siti ta' tisbiħ proposti kien diġà suġġett għal modifiki ppjanati. Kien hemm intopp minħabba li l-Kunsill kien irċieva risposta mingħand l-Awtorità tal-Artijiet li f'sit minnhom li kien hemm proġett ta' tisbiħ propost, diġa kien hemm ippjanat li ssir xi modifikazzjoni. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa meta kien ser isir il-monument tal-Gran Mastru Ferdinand Von Hompesch. Is-Sindku qal illi fil-laqgħa li jmiss kien ser iressaq abbozz tad-disinn.

603.3.10 Is-Sindku qal illi t-tindif tal-festa kien suċċess. Is-Sur Joseph Agius semma li kien għad hemm xi armar tal-każini f'Misraħ is-Sliem. Is-Sindku spjega li l-każini kienu għadhom qed iżarmaw l-armar tagħhom. Dwar il-barijiet u tqiegħid ta' posti jew kjosks matul il-ġranet tal-festa, is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienet ser issir laqgħa mal-pulizija sabiex jiġu ndirizzati inċidenti li seħħew fil-jiem tal-festa. Is-Sindku ssuġġerixxa wkoll li jiġu introdotti riformi, bidliet u regolamenti ġodda għall-barijiet u t-tqegħid ta' posti jew kjosks għall-festa tas-sena d-dieħla.

**603.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

603.4.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-22 t'Awwissu 2024 u t-23 ta' Settembru 2024 li kienet tammonta għal €65,643.99.

603.4.2 Is-Sindku talab li flimkien mal-iskeda ppreżentata jiġu approvati dawn il-pagamenti: Funderija Artistika Chetcuti li jammonta għal €885, is-Sur Carmelo Vella li jammonta għal €5,900, *Malta Tiles* li jammonta għal €1,770, Lapis Curet li jammonta għal €4,500, ammonti relatati max-xogħlijiet ta' restawr tal-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja u mal-istatwa tal-Madonna tal-Kunċizzjoni. Barra minn hekk, is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-ħlas lill-Knisja Arċipretali u Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, Ħaż-Żabbar għall-kiri tas-Sala Notre Dame u spejjeż tal-ikel li saru waqt l-attivitajiet tal-*coffee morning* għall-anzjani.

**603.5 Laqgħa tal-Lokalità**

603.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-bidu tal-operat tal-leġislatura trid tissejjaħ laqgħa pubblika fejn fiha jiġi diskuss il-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill.

603.5.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Leone Sciberras, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa pubblika ssir nhar it-Tlieta 29 ta' Ottubru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**603.6 Ingaġġ Skrivan/a (Skala 15)**

603.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi fit-30 ta' Settembru 2024 kien ser jiġi fi tmiemu l-*probation period* ta' sitt xhur tal-iskrivana A (skala 15).

603.6.2 Fis-7.15 ta' filgħaxija l-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni ssir fi stadju ta' kumitat.

603.6.3 Fis-7.20 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

603.6.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt tal-iskrivana ma jiġix imġedded għal żmien indefinit u li l-impjieg jiġi tterminat.

603.6.5 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' joħroġ sejħa għall-ingaġġ ta' Skrivan/a - Skala 15 mal-Kunsill.

**603.7 Aġġudikazzjoni ta' offerti:**

- **Tisbieħ ta'Ġnien il-Mistrieħ (ZLC 3/2024)**

603.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kien hemm tlett offerti għas-servizz ta' Tisbieħ ta'Ġnien il-Mistrieħ (ZLC 3/2024) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li offerta waħda biss kienet teknikament tajba u rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-offerta li kienet mingħand is-Sur Dennis Scicluna għall-prezz ta' €139,760.97 eskluż il-VAT. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sinjorina Toshera Schembri, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi kkomunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System.*

**603.8 Ittri Legali**

603.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv iddikkjarat kunflitt ta' interess dwar dan il-każ minħabba li r-rikorrenti kienet tiġi minnha.

603.8.2 Fis-7.25 ta' filgħaxija l-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat.

603.8.3 Fis-7.30 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

603.8.4 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien iddiskuta d-deċiżjoni tal-Kunsill mal-avukat u ġie maqbul li tinbgħat ittra rreġistrata lit-Tribunal biex jinfurmawh bid-deċiżjoni li kienet bagħatet ir-rikorrenti.

603.8.5Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li r-Reġjun Port kien bagħat ittra legali lill-kuntrattur responsabbli għall-ġbir tal-iskart, u enfasizza n-nuqqas tal-kuntrattur li jaderixxi ma' diversi obbligi kuntrattwali. L-ittra serviet ukoll bħala avviż formali li tavża lill-kuntrattur li jista' jeħel penali jekk il-kwistjonijiet ma jiġux indirizzati. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija kienet diġa ċċirkolata il-korrispondenza permezz ta' *email* lill-membri kollha għar-referenza tagħhom. Is-Sur Carlo Scicluna qal illi l-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart kien qed jagħsar l-iskart fi Triq Ġużeppi Pace u jnitten it-triq.

**603.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

603.9.1 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' ressaq it-talba sabiex isiru l-*hatching lines* fi Triq tal-Labour.

603.9.2 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jitneħħew il-qsari li tpoġġew fuq il-bankina taħt iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja matul il-ġranet tal-festa. Is-Sindku qal illi dawn il-qsari ser jitneħħew fil-jiem li ġejjin.

603.9.3 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jinżabru s-siġar u titnaddaf *soft area* li hemm fi Triq il-Luq. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fil-jiem li ġejjin kien ser isir iż-żbir ta' siġar li hemm fi Triq il-Mina ta' Hompesch.

603.9.4 Is-Sur Leone Sciberras staqsa jekk ir-responsabbiltà taż-żbir ta' siġar li kibru 'l barra minn parapetti tan-nies u li jkunu qed jiżgumbraw il-bankina hix tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li f'każijiet bħal dawn il-Kunsill jirrapporta din il-kwistjoni lill-Pulizija tal-Komunità, li mbagħad jitolbu lis-sid tal-proprjetà biex jagħmel iż-żbir. Madankollu, f'każijiet fejn il-bini jkun vojt u s-sid ma jkunx jista' jinstab, il-Kunsill ifittex għajnuna minn entitajiet governattivi.

603.9.5 Is-Sur Leone Sciberras staqsa meta ser jiġi rranġat il-*bus shelter* Bur Bur. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għamel kuntatt mal-kuntrattur responsabbli u kien qed jistenna risposta. Is-Sur Leone Scicluna talab lis-Sindku sabiex jerġa' jibgħat ifakkar lill-kuntrattur responsabbli biex jiġi żgurat li l-*bus shelter* jiġi rranġat fl-iqsar żmien possibli.

603.9.6 Is-Sur Carlo Scicluna ressaq ilment minn residenti dwar il-bżonn ta' *double yellow line* quddiem il-garaxx tagħhom fi Triq Alessio Erardi peress li xi individwi kienu qed jostakolaw l-aċċess. Is-Sindku qal illi din hija kwistjoni ta' infurzar u spjega li ma jsirux double *yellow lines* quddiem garaxxijiet.

603.9.7 Is-Sur Carlo Scicluna talab li jitħawwlu fjuri mad-dawra tal-Mina ta' Hompesch. Is-Sindku kkonferma li din l-inizjattiva ta' tisbiħ hija ppjanata u se titwettaq fiż-żmien li ġej.

603.9.8 Is-Sur Carlo Scicluna staqsa jekk hux ser jitwaħħlu l-bankijiet li kien talab fi Triq Ġużeppi Pace. Is-Sindku staqsa lill-membri tal-Kunsill jekk jaqblux li jitneħħew l-ispazji tal-parkeġġ biex jakkomodaw il-bankijiet. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien għadu qed jistenna l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex nhar ta' Sibt Triq Ġużeppi Pace tingħalaq għat-traffiku.

603.9.9 Is-Sur Carlo Scicluna reġa' semma l-problema tal-ilma li hemm fi Triq Ġużeppi Pace. Is-Sur Scicluna qal illi kienet qed toqgħod għadira ilma u staqsa għaliex il-kuntrattur ma kienx indirizza l-kwistjoni minkejja li x-xogħol kien lest b'mod mhux sodisfaċenti.

603.9.10 Is-Sur Carlo Scicluna talab lill-Kunsill isib soluzzjoni għall-problema ta' għargħar li hemm fi Triq il-Biccieni Sqaq Nru 3.

603.9.11 Is-Sur Carlo Scicluna talab li jitneħħew il-qsari li hemm vojta fi Triq Ġużeppi Pace. Is-Sindku wieġeb li se jitħawlu pjanti ġodda fil-qsari eżistenti biex tiġi indirizzata l-kwistjoni.

603.9.12 Is-Sur Carlo Scicluna qal li l-*bus shelters* fi Triq il-Mina ta' Hompesch ma kinux imdawwlin.

603.9.13 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa f'hix kien wasal il-proċess tas-sejħa għall-offerti tal-knis u l-qtugħ ta' ħaxix. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sejħa tal-offerti kienet tagħlaq fl-ewwel ġimgħa t' Ottubru 2024. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk fl-ispeċifikazzjonijiet ġiex inkluż li l-kuntrattur irid juża boroż li ma jkunux suwed jew ħodor. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fil-pożittiv u żiedet tgħid li dan ir-rekwiżit dejjem jiġu nklużi fil-kuntratt tal-knis.

603.9.14 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa meta kien ser isir il-ħasil ta' Triq ir-Redentur biex tiġi ndirizzata l-kwistjoni tal-ħmieġ tal-ħamiem. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-Direttor għat-Tindif mistenni jaħsel diversi toroq madwar il-lokalità fil-futur viċin.

603.9.15 Is-Sur Joseph Agius talab li l-Kunsill joffi s-servizz ta' trasport lill-anzjani u lill-persuni b'diżabilità. Is-Sindku ċċara li servizz bħal dan diġà qed jingħata mid-Dipartiment tal-Anzjani permezz tal-inizjattiva Silver T. Is-Sur Joseph Agius ippropona li l-Kunsill joffri servizz ta' trasport bħalma jagħmlu lokalitajiet oħra. Is-Sindku spjega li l-Kunsill bħalissa m'għandux biżżejjed riżorsi biex jimplimenta servizz ta' trasport addizzjonali għall-anzjani, u żied jgħid li dan is-servizz diġà qiegħed fis-seħħ. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk l-anzjani jafux bis-servizz tas-Silver T. Is-Sindku qal illi r-Reġjun Port qed jippjana li jinvesti fix-xiri ta' vann u qed

jikkunsidra l-possibbiltà li joffri rotot addizzjonali biex jikkumplimentaw żoni fejn it-trasport pubbliku u s-servizz Silver T ma jipprovdux.

603.9.16 Fis-7.52 ta' filgħaxija l-Viċi Sindku talab li jkun skużat.

603.9.17 Is-Sur Leone Sciberras staqsa jekk il-Kunsill jistax joffri *shuttle service* lill-pubbliku meta Triq is-Santwarju tkun magħluqa. Is-Sindku qal illi jitwaħħlu avviżi matul il-*bus shelters* affettwati. Madankollu, is-Sur Leone Sciberras qal illi nies neqsin mid-dawl ma jinnutawx li jkun hemm dawn it-tip ta' avviżi mwaħħla. Is-Sindku spjega li meta ċ-ċentru jkun magħluq għat-traffiku, dan ikun magħluq għal kulħadd u lanqas is-*shuttle* ma tista' tidħol fi Triq is-Santwarju. Barra minn hekk, filwaqt li s-Sindku rrikonoxxa s-suġġeriment tas-Sur Sciberras, stqarr li l-implimentazzjoni ta' *shuttle service* waqt l-għeluq taċ-ċentru ta' Ħaż-Żabbar jimponi piż finanzjarju żejjed fuq il-Kunsill.

**603.10 Mozzjonijiet; u**

603.10.1 Is-Sindku qara mozzjoni li kienet intbgħatet mis-Sur Leone Sciberras dwar talba għal tħarriġ professjonali sabiex jiġu identifikati problemi ta' nuqqas ta' aċċessibbiltà, kif ukoll li jiġu suġġeriti rimedji għal kif jistgħu jitnaqqsu l-ostakoli ta' kull bankina fil-lokalità. Fil-mozzjoni s-Sur Sciberras irrefera għar-risposta tas-Sindku matul il-laqgħa preċedenti, fejn kien infurmah li c-CRPD kellhom rapport imħejji, iżda s-Sur Sciberras kkonferma li dan ir-rapport ma jeżistix. Is-Sindku ressaq kopja tar-rapport li kien intbgħat mill-CRPD għall-attenzjoni tal-Kunsill u spjega li dan ir-rapport kien sar f'żona partikolari, filwaqt li saħaq li huwa qatt ma qal li r-rapport jinkludi t-toroq ta' Ħaż-Żabbar kollha. Is-Sindku ssuġġerixxa li minflok iqabbad espert biex jagħmel rapport għall-lokalità, il-Kunsill għandu jorganizza laqgħa mas-CRPD sabiex l-analiżi tiġi mmexxija minnhom, speċjalment minħabba li l-baġit tal-Kunsill huwa limitat u l-inkarigu ta' espert għal kull triq ikun ta' spiża eċċessiva meta din l-analiżi tista' tiġi rkuprata minn entità governattiva. Is-Sur Leone Sciberras talab li tiġi rranġata bankina fi Triq Alessio Erardi u Triq ix-Xgħajra minħabba li mhix aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Is-Sur Leone Sciberras spjega li ma kienx espert biex jiddetermina x'jista' isir sabiex il-bankini jkunu aċċessibbli għal kulħadd, għalhekk kien qed jitlob parir professjonali u talba għall-għajnuna tal-perit. Is-Sindku talab lis-Sur Sciberras jattendi għal-laqgħa mas-CRPD u matul din il-laqgħa jitolbu wkoll data dwar persuni li għandhom diffikultajiet ta' mobilità sabiex isir kuntatt dirett magħhom. Is-Sur Carlo Scicluna ssuġġerixxa li ma jibqgħux isiru rampi u minflok issir bankina dritta. Is-Sindku spjega li dan mhux dejjem ikun possibbli. Is-Sur Joseph Agius staqsa x'ser jiġri f'każ li l-perit jagħmel analiżi li tirrikjedi li jinqalgħu l-bankini kollha.

**603.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

603.11.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 28 t' Ottubru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

603.11.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.20 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-606 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 4 ta' Novembru, 2024.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku